

V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

SEJĦA GĦAL PROPOSTI

GR/001/17

Appoġġ għall-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni dwar il-valur tal-Proprietà Intellettwali u d-danni tal-falsifikazzjoni u tal-piraterija

(2017/C 244/04)

1. Għanijiet u deskrizzjoni

L-għan ġenerali tas-sejħa għal proposti huwa li titqajjem sensibilizzazzjoni dwar il-valur, il-benefiċċji tal-Proprietà Intellettwali (IP) kif ukoll id-danni kkawżati minn ksur tad-drittijiet tal-IP.

Din għandha l-għan li żżid l-għarfien u tinvolvi l-udjenzi prijoritarji sabiex jinħoloq rispettu għall-IP, bl-għan li eventwalment tinbidel l-imġiba tan-nies billi jitnaqqas ix-xiri ta' falsifikazzjoni tagħhom u l-aċċess tagħhom għall-kontenut diġitali minn sorsi illegali.

L-għanijiet speċifiċi tas-sejħa huma li:

1. Jiżied l-għarfien tal-valur tal-IP bħala għodda li tipproteġi l-kreattività, l-innovazzjoni u l-intraprenditorija billi tipprovdi għarfien konkret u objettiv dwar l-IP f'dan il-kuntest u jiżied l-għarfien dwar id-danni ta' ksur.
2. Jiġu involuti l-udjenzi prijoritarji f'dawn il-kwistjonijiet billi jitqiesu l-possibbiltajiet ta' ingranaġġ rilevanti u speċjalment kif l-udjenzi jistennu li jiġu indirizzati dwar dawn il-kwistjonijiet (mhux patronizzanti, objettivi u newtrali) bl-għan li tinbidel l-imġiba, titnaqqas l-attrazzjoni tal-falsifikazzjoni u tal-piraterija u/jew jitnaqqas l-possibbiltajiet għall-falsifikaturi u l-pirati.

Ir-riżultati mistennija huma li:

- Jintlaħqu ċ-ċittadini tal-UE u speċjalment il-gruppi fil-mira ta' prijorità bħat-tfal fl-iskejjel, il-ġenerazzjoni żagħżugħa u ċ-ċittadini (ta' bejn il-15-30 sena) u daww li jfasslu l-politika u l-opinjoni dwar l-IP u kwistjonijiet relatati mal-IP.
- Jinħoloq impenn ta' influwenzaturi jew multiplikaturi rilevanti li kapaċi jilhqnu l-udjenzi fil-mira permezz ta' proċess definit b'mod ċar.
- Jiġu żgurati s-sostenibbiltà u l-iskalabbiltà tar-riżultati tal-proġett u finalment tinbidel l-imġiba.

2. L-applikanti eliġibbli

L-applikanti kkunsidrati eliġibbli biex iwieġbu għal din is-sejħa għandhom:

- ikunu entità legali, pubblika jew privata, pereżempju:
 - organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ, assoċjazzjoni tal-NGO;
 - korp pubbliku fil-livell lokali, reġjonali jew nazzjonali;
 - fondazzjoni tal-università;
 - kumpanija privata;
- ikunu rreġistrati f'wieħed mit-28 Stat Membru u jipprovdu evidenza mill-pajjiż ta' reġistrazzjoni tagħhom billi jiċċertifikaw li l-applikant ilu stabbilit u rreġistrat b'mod korrett għal aktar minn sentejn.

L-entitajiet pubbliċi li jirċievu fondi jew appoġġ mill-EUIPO permezz ta' miżuri finanzjarji oħrajn bħal programmi ta' kooperazzjoni, li għandhom l-għan li jsegwu l-istess għanijiet bħal din is-sejħa, mhumiex eliġibbli (eż. l-uffiċċji nazzjonali u reġjonali tal-IP jew l-organizzazzjonijiet internazzjonali).

F'każ li jaġixxu ma' sħab assoċjati li jkunu qed jipparteċipaw fi proposta irrispettivament mir-rwol tagħhom fil-proġett, kull sieħeb għandu jissodisfa l-kriterji ta' eliġibbiltà bħala applikabli għall-applikant innifsu u għandu jiffirma ittra ta' intenzjoni.

Applikazzjoni tista' tkun ikkoordinata u ppreżentata biss — fisem il-parteċipanti kollha — minn applikant wieħed, li huwa r-rappreżentant ġuridiku tal-organizzazzjoni tal-applikant.

Il-persuni fiżiċi ma jistgħux japplikaw għal għotja.

3. Azzjonijiet eliġibbli

It-tul massimu (perjodu ta' eliġibbiltà) huwa ta' 12-il xahar mid-data tal-firma tal-ftehim ta' għotja. Estensjoni għall-massimu ta' 6 xhur addizzjonali tista' tingħata.

Is-setturi jew it-temi speċifiċi li magħhom għandhom jirrelataw l-azzjonijiet huma proprjetà intellettuali u kwistjonijiet relatati mad-drittijiet ta' falsifikazzjoni u piraterija tal-IP.

L-azzjonijiet għandhom isiru fi Stat Membru wieħed jew aktar tal-UE.

Ser jiġu kkunsidrati biss l-azzjonijiet li jinsabu taħt it-3 lottijiet ta' hawn taħt, filwaqt li jitqiesu t-tipi speċifiċi ta' azzjonijiet definiti. Entità tista' tapplika fil-lottijiet differenti u konsegwentement ser tingħata għotja fil-lottijiet differenti b'mod awtomatiku:

Lott 1: Komunikazzjoni mat-tfal permezz ta' attivitajiet edukattivi għall-iskejjel

Lott 2: Komunikazzjoni mal-ġenerazzjoni żagħżuġha u maç-ċittadini

Lott 3: Komunikazzjoni ma' dawk li jfasslu l-politika u l-opinjoni permezz ta' konferenzi u fora

Il-benefiċjarju jeħtieġ li jinkludi stima tal-kejl kwantitattiva u kwalitattiva tar-riżultati fil-bidu tal-azzjoni sabiex jiżgura l-effettività tal-għanijiet ipplanati. Iç-ċifra reali ser tingħata fl-aħħar.

It-tipi ta' azzjonijiet li ġejjin huma ineliġibbli:

- proġetti kkonċernati biss jew prinċipalment minn sponsorizzazzjoni individwali għall-attivitajiet ta' parteċipazzjoni jew ta' taħdit f'sessjonijiet ta' ħidma, seminars, konferenzi u kongressi jew kwalunkwe avveniment ieħor;
- proġetti kkonċernati biss jew prinċipalment minn boroż ta' studju individwali għall-istudji jew korsijiet ta' taħriġ.

L-attivitajiet li għandhom jiġu ffinanzjati taħt din is-sejħa jkopru pereżempju (mhux eżawrjenti):

Għal-lottijiet 1 u 2

- attivitajiet tal-midja u tal-midja soċjali,
- produzzjoni u disseminazzjoni ta' materjal awdjoviżiv, pubblikazzjonijiet jew komunikazzjonijiet elettroniċi,
- organizzazzjoni ta' avvenimenti, fieri, wirjiet jew attivitajiet ta' taħriġ,
- inforikreazzjoni (dibattiti, programmi għaż-żgħażagħ, kwizzijiet, loġhob tal-vidjo jew programmi tal-mużika),
- għodod, attivitajiet u soluzzjonijiet ibbażati fuq l-internet.

Għal-lott 3:

- Konferenzi internazzjonali fil-kuntest tal-UE
- Fora
- Dibattiti

Għal aktar dettalji jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 6 tal-Linji gwida għall-applikanti.

4. Kriterji ta' esklużjoni

L-applikanti ma għandhomx ikunu f'sitwazzjoni li teskludihom milli jipparteċipaw u/jew milli jingħataw għotja kif definit mir-Regolament Finanzjarju applikabli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u r-regoli tal-applikazzjoni tiegħu.

5. Kriterji tal-għażla

L-applikanti għandhom jippreżentaw dikjarazzjoni fuq l-unur tagħhom, mimlija u ffirmata, li tiċertifika l-istatus tagħhom bħala persuna ġuridika u l-kapaċità finanzjarja u operattiva tagħhom biex ilestu l-attivitajiet proposti.

Għal aktar dettalji jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 10 tal-Linji gwida għall-applikanti.

6. Kriterji tal-għotja

Il-kriterji tal-għotja għall-valutazzjoni ta' proposta huma allokati minn total ta' 100 abbażi tal-kriterji li ġejjin:

	Limitu minimu	Punteġġ massimu
1. Rilevanza u interess ġenerali tal-proġett	25	35
2. Komunikazzjoni u impatt	25	35
3. Sostenibbiltà u Metodoloġija	14	20
4. Kosteffettività	6	10
Total	70	100

Sabiex il-proposti jiġi kkunsidrati għall-finanzjament, dawn għandhom iġibu l-punteġġ ta':

- mill-inqas 70 punt b'mod ġenerali kif ukoll
- mill-inqas il-punti minimi f'kull wieħed mis-sub-kriterji.

Għal aktar dettalji jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 11 tal-Linji gwida għall-applikanti.

7. Baġit

Il-baġit totali disponibbli għall-kofinanzjament tal-proġetti taħt din is-sejħa huwa ta' EUR 1 000 000.

Din is-sejħa għal proposti hija soġġetta għad-disponibbiltà tal-fondi wara l-adozzjoni tal-baġit għall-2018 mill-awtorità baġitarja tal-EUIPO.

Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-EUIPO ma tistax taqbeż it-80 % tal-kostijiet totali eliġibbli ppreżentati mill-applikant u għandha tkun bejn l-ammonti minimi u massimi li ġejjin, f'konformità mat-3 lottijiet differenti disponibbli:

Għal-lott 1: Komunikazzjoni mat-tfal permezz ta' attivitajiet edukattivi fl-iskejjel (baġit disponibbli ta' EUR 400 000)

- Ammont minimu: EUR 20 000
- Ammont massimu: EUR 60 000

Għal-lott 2: Komunikazzjoni mal-ġenerazzjoni żagħżugħa permezz ta' influwenzaturi u multiplikaturi (baġit disponibbli ta' EUR 400 000)

- Ammont minimu: EUR 20 000
- Ammont massimu: EUR 60 000

Għal-lott 3: Komunikazzjoni ma' dawk li jfasslu l-politika u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u l-opinjoni permezz ta' konferenzi u fora (baġit disponibbli EUR 200 000)

- Ammont minimu: EUR 15 000
- Ammont massimu: EUR 40 000

L-EUIPO għandu d-dritt li ma jqassamx il-fondi kollha disponibbli.

8. Data ta' skadenza għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet

Il-pakkett ta' applikazzjoni huwa disponibbli fuq l-Internet fuq l-indirizz li ġejj: <https://euiipo.europa.eu/ohimportal/en/grants>

L-applikazzjonijiet għandhom jiġu ppreżentati lill-EUIPO bl-użu ta' formola ta' applikazzjoni onlajn (formola elettronika) mhux aktar tard mill-**25 ta' Settembru 2017** fis-**13:00** (ħin lokali).

Mhu ser jiġi aċċettat l-ebda metodu ieħor ta' preżentazzjoni ta' applikazzjoni.

L-applikanti għandhom jiżguraw li d-dokumenti kollha mitluba u msemmija fil-formola elettronika jiġu pprovduti.

L-applikazzjonijiet li ma jinkludux l-annessi kollha stipulati u li ma jiġux ippreżentati qabel id-data ta' skadenza mhux ser jiġu kkunsidrati.

Għal aktar dettalji jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 16 tal-Linji gwida għall-applikanti.

9. **Id-dettalji kollha**

It-test kollu tal-linji gwida għall-applikanti huwa disponibbli fuq l-indirizz tal-Internet li ġej: <https://euipo.europa.eu/ohimportal/en/grants>

L-applikazzjonijiet għandhom jikkonformaw mat-termini kollha tal-linji gwida u għandhom jiġu ppreżentati fuq il-formoli pprovduti.

10. **Kuntatt**

Għal aktar taġrif jekk jogħġbok ikkuntattja l-kaxxa postali elettronika li ġejja: grants@euipo.europa.eu
